

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4738 — OEP/MSP-Stiftung/DVG/Dailycer Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 231/12)

1. Fis-26 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾, li permezz tagħha l-impriżi One Equity Partners II, ("OEP", l-Istati Uniti) — li hi kkontrollata indirettament minn J.P Morgan Chase & Co, (l-Istati Uniti) — u MSP-Stiftung, ("MSP", il-Ġermanja) akkwistaw fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt ta' l-impriżi De-Vau-Ge Gesundheitswerk Gesellschaft mit beschränkter Haftung, ("DVG", il-Ġermanja), Milk-Snack Produktions GmbH, ("Milk-Snack", il-Ġermanja), Delicia B.V (l-Olanda), Dailycer S.A.S. (Franza), Dailycer Ltd (ir-Renju Unit) u Dailycer B.V. (l-Olanda) (flimkien id-"Dailycer Group"), permezz tax-xiri ta' l-ishma.

2. L-attivitajiet tan-negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

- għal OEP: fond ta' ekwità privata;
- għal MSP: fondazzjoni taħt il-liġi Ġermaniża, li żżomm ċerti beni għal benefiċċju tal-membri tas-Seventh-Day Adventists Church;
- għal DVG: il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-*marketing* ta' diversi prodotti ta' l-ikel, inklużi prodotti taċ-ċereali, bars, xarbiet tas-soya eċċ.;
- għal Dailycer Group: il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti taċ-ċereali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4738 — OEP/MSP-Stiftung/DVG/Dailycer Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.